**Politika dwar iż-Żamma tad-*Data* fi ħdan**
**Id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità**

**SKOP**

1. Din il-Politika timmira li tirregola ż-żamma, il-manutenzjoni u r-rimi ta' dokumentazzjoni, kemm dik personali u kemm oħrajn, fi ħdan id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità kif mogħti fl-Att għall-Amministrazzjoni Pubblika u l-PSMC u skont il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u dispożizzjonijiet legali oħrajn fil-Liġi Maltija.

**SFOND**

2. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (RĠPD) jistabbilixxi l-prinċipju li *data* personali u *data* personali sensittiva m'għandhomx jinżammu għal perjodi itwal milli huwa meħtieġ. F'dan il-kuntest id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità qed jistabbilixxi politika ta' żamma għal kull tip ta' *data* u dokumentazzjoni li jiġbor u jipproċessa bl-iskop li jassigura jkun hemm konformità mar-Regolament u sabiex jassigura wkoll li ebda riżorsi ma jintużaw fl-ipproċessar u fl-arkivjar ta' *data* li m'għadhiex relevanti.

**GĦANIJIET**

3. Din il-politika għandha l-għan li tilħaq dawn l-objettivi:
   i. Tirregola ż-żamma u r-rimi ta' tipi ta' dokumentazzjoni varji, kemm dik miżmuma manwalment u kemm dik miżmuma b'mod elettroniku f'sistemi għaż-żamma ta' arkivji fi ħdan id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-Protezzjoni tad-*Data* illi *data* personali m'għandhiex tinżamm għal perjodu itwal minn dak meħtieġ;
   ii. Tarmi dokumentazzjoni li m'għadhiex relevanti u li qed tokkupa spazju utli għall-ħażna;
   iii. Tippromwovi dokumentazzjoni diġitali, safejn hu raġonevolment possibbli sabiex tnaqqas l-ispazju meħtieġ għaż-żamma ta' dokumentazzjoni, u wkoll sabiex tippromwovi l-użu sostenibbli tal-karta u ta' apparat konsumabbli għall-istampar.

**AMMINISTRAZZJONI**

4. Id-Dokumentazzjoni tinżamm u tiġi rreġistrata mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità. Din il-Politika, għalhekk hija applikabbli għal din id-dokumentazzjoni. Ser tkun ir-responsabbiltà tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità u tal-kontrollur il-Kap Esekuttiv sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet kollha ta' din il-Politika jiġu rispettati.

**DOKUMENTAZZJONI MIŻMUMA FI ĦDAN ID-DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ**

5. Bħala parti mir-rekwiżiti operattivi tagħu, id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità jitlob u jżomm firxa wiesgħa ta' dokumentazzjoni fosthom *data* personali. Id-diversi tipi ta' dokumentazzjoni użati mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità jistgħu jiġu kkategorizzati kif ġej:

   i. *Data* Personali tal-membri li jaħdmu mad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.
   ii. Rapporti ta' attendenza jew nuqqas tagħha;
   iii. Dokumenti relatati ma' każijiet ta' dixxiplina;
   iv. Reġistrazzjonijiet finanzjarji li jinkludu rendikonti mgħoddija mal-paga jew mas-salarju, kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà nazzjonali, dokumentazzjoni marbuta ma' xiri, eċċ.;
   v. Dokumenti relatati ma' programmi ta' Fondi tal-UE;
   vi. Rapporti mediċi;
   vii. Reġistrazzjonijiet oħrajn.
   viii. Reġistrazzjonijiet ta' residenti fid djar tal-anzjani kemm personali kif ukoll mediċi;
   ix. Reġistrazzjonijiet realtati ma' kontijiet u xiri.
   x. Dikjarazzjonijiet sottomessi mir-residenti dwar id-dħul u l-kapital tagħhom.

**SIGURTÀ TA' DOKUMENTAZZJONI**

6. Id-Dokumentazzjoni qed tinżamm f'post aċċessibbli imma sigur b'aċċess adegwat għall-uffiċjali li għandhom il-livell ta' approvazzjoni meħtieġa sabiex jaċċessaw id-dokumentazzjoni rilevanti. Fil-każ ta' dokumenti b'*data* personali sensittiva b'livelli ogħla ta' approvazzjoni għal aċċess, il-protokolli ta' kontroll ta' aċċess huma mħarsa b'mod sħiħ, sabiex jiġi żgurat li dawk biss li jkollhom l-approvazzjoni tas-sigurtà meħtieġa jkollhom aċċess għal tali dokumentazzjoni.
7. Fil-każ ta' *data* personali, ir-RĠPD jistipula wkoll li dawk biss meħtieġa biex jipproċessaw *data* personali għandu jkollhom aċċess għal rekords personali.
8. Uffiċjali li jiksru dawn il-protokolli ta' sigurtà, u għalhekk bi ksur tar-RĠPD, ikunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinarja.

**REKORDS MANWALI U/JEW ELETTRONIĊI**

9. F'termini ta' perjodi ta' żamma, irid jingħad illi l-istess perjodu ta' żamma japplika kemm għal *data* elettronika kif ukoll għal *data* manwali.

**PERJODU TA' ŻAMMA**

10. Iż-żamma ta' kategoriji differenti ta' dokumenti hi regolata minn ħtiġijiet, leġislazzjonijiet u regolamenti differenti.

It-tabella t'hawn taħt turi l-obbligi ta' retenzjoni għall-kategoriji varji ta' dokumentazzjoni fi ħdan id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità.

| **Kategorija** | **Perjodu ta' Żamma** |
|---|---|
| **Informazzjoni Personali** | |
| Dokumentazzjoni tar-Riżorsi Umani | Sa l-età ta' 75 sena u wara jiġu meqruda. |
| Formoli ta' applikazzjoni għal sejħiet ta' gradi jew pużizzjoni eċċ. | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| Formoli ta' applikazzjoni għall vakanzi iffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| Sejħiet għal taħriġ | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| Korsijiet ta' taħriġ | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| | |
| **Rekords ta' Attendenza u nuqqas tagħha** | |
| Formoli ta'Attendenza | Sentejn u wara jinqerdu |
| Formoli ta' applikazzjoni għal btala | Erba snin u wara jinqerdu |
| Bilanċ ta' sigħat ta' btala fis-sena | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| | |
| **Rekords ta' Dixxiplina** | Kif imniżżel fil-manwal ta' dixxiplina |
| Twiddiba | Sitt xhur |
| Passi dixxiplinarji | 12-il xahar (8.1.3 tal-manwal) |
| | |
| **Rekords Mediċi** | |
| Ċertifikati tal-mard | Sena mid data tal-eżami u wara jinqerdu |
| Rekords ta' perjodi ta' mard | Sa l-età ta' 75 sena u wara jinqerdu. |
| Storja medika | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| Referti mediċi | Nimxu mar-regoli tal PSD |
| Rekords mediċi tal-pazjenti fid-djar u dikjarazzjonijiet tal-kapital u l-assi tagħhom | Sa 10 snin wara d-data tal-mewt |
| | |
| **Dokumentazzjoni Finanzjarja** | |
| Rekords ta' Taxxa u Sigurtà Nazzjonali | 10 snin u wara jinqerdu |
| Rekords ta' Xiri | 10 snin u wara jinqerdu |
| Rekords ta' Kontijiet | 10 snin u wara jinqerdu |
| Rekords ta' Inventarju | 10 snin u wara jinqerdu |
| Dikjarazzjonijiet Annwali Finanzjarji | 10 snin u wara jinqerdu |
| | |
| **Programmi tal-UE** | |

| | |
|---|---|
| Dokumentazzjoni relatata ma’ proġetti li jużaw fondi tal-UE | 10 snin u wara jinqerdu |
| Applikazzjonijiet għall-Fondi tal-UE | 10 snin u wara jinqerdu |

**KONKLUŻJONI**

L-għan ta’ din il-politika dwar iż-żamma ta’ dokumentazzjoni huwa li jintlaħaq bilanċ bejn iż-żamma ta’ informazzjoni utli u bżonnjuża, skont id-dispożizzjonijiet leġislattivi relevanti u r-rimi ta’ *data* li m’għadx hemm il-ħtieġa tagħhom u qed tiġi arkivjata b’mod eċċessiv. *Data* li trid tiġi distrutta wara d-dati stabbiliti jiġu disposti b’mod effiċjenti sabiex jiġi assigurat li tali informazzjoni ma’ tibqax aktar disponibbli fi ħdan id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità. Kontrolluri tal-Protezzjoni tad-*Data*, Kapijiet u Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-*Data* huma mgħarrfa dwar il-perjodi ta’ żamma stabbiliti u ser joħorġu struzzjonijiet lill-Uffiċjali relevanti sabiex isegwu l-proċeduri indikati.

Ta’ min wieħed jinnota li informazzjoni anonimizzata jew li tikkonsisti fi statistika, ma taqax fil-parametri ta’ din il-Politika ta’ Żamma peress li ma fihomx *data* personali.